# Il-Knisja ta' Santa Marija magħrufa bħala ta' Duna ġewwa Ħal Lija

TAGĦRIF

James Azzopardi

Fost id-diversi knejjes li jinsabu ġewwa Ħal Lija hemm waħda żgħira ddedikata lit-Tlugħ ta' Ommna Marija Santissima fis-sema, jew l-Assunta, li tinsab kantuniera bejn Triq Sant' Andrija u Triq il-Kbira.

L-aktar dokument antik li jsemmi din il-knisja huwa dak tan-Nutar Angelo Bartolo tal-25 ta' Lulju 1569. Dan jgħidilna li nbniet bħala devozzjoni personali mis-Sur Mariano Portelli (mlaqqam ta' Duna) u tlestiet fl-1575, eżatt għaxar snin wara l-Assedju l-Kbir [1]. Fl-1658 din il-knisja ma kienitx tintuża aktar u ġiet magħluqa [2], iżda fl-1755 reġgħet nbniet mill-ġdid minn Dun Saverio u ħuh Dun Michele Portelli flimkien mas-Sur Michele Bartolo [3]. Flimkien mal-knisja nbnew ukoll kmamar oħra mad-dawra tagħha u b'hekk l-knisja kienet tifforma parti minn kumpless ta' bini. Fl-24 t'Awwissu 1782 din il-knisja ġiet mbierka mill-Isqof Vincenzo Labini, ġurnata qabel ma ġiet kkonsagrata l-parroċċa attwali. Probabbli li fil-bidu tas-seklu dsatax, flimkien ma' xi djar fil-qrib, kienet ingħatat lill-Ġiżwiti li ġew mill-Italja w Sqallija u kienu jgħixu hemmhekk [4]. Infatti mal-ġenb tal-altar hemm żewġ pitturi żgħar, waħda tirrappreżenta lil San Franġisk Saverju u oħra lil San Alwiġi, t-tnejn qaddisin Ġiżwiti. Hekk ukoll fid-djar li jmissu mal-knisja għad hemm xi karatteristiċi fil-bini li probabbli saru f'dan il-perijodu kif wieħed jista' jara fir-ritratti. Probabbli kien hemm ukoll il-ħsieb li fuq il-bieb prinċipali jiġu minquxa fil-ġebel xi stemmi reliġjużi jew tal-familja li bniet il-knisja, iżda kif għadu jidher sa llum dan baqa' ma sarx. Fl-1811 xi bennejja minn Ħal Lija għamlu għotja ta' pittura ta San Tumas Appostlu, iżda din illum il-ġurnata tinsab fil-parroċċa [3].



*"Fl-24 t'Awwissu 1782 din il-knisja ġiet mbierka mill-Isqof Vincenzo Labini, ġurnata qabel ma ġiet kkonsagrata l-parroċċa attwali"*



"Il-kwadru titulari ta' Maria Assunta kien mpitter minn Michele Busuttil u qablu kien hemm ieħor mpitter minn Zacaria Micallef fis-17 'il seklu"

Milli jidher il-Ġiżwiti ma tantx damu hemm, u lejn nofs s-seklu dsatax il-knisja għaddiet f'idejn il-Kurja u l-kumpless ta' bini mad-dawra nxtara mill-familja Vella. Infatti fis-sagristija tal-parroċċa hemm pittura ta' Mons. Vella li kien jgħix hemmhekk mal-familja tiegħu u jieħu ħsieb l-knisja. Dan miet fl-1919 u warajh beda jieħu ħsieb il-knisja Mons. Ġużeppi Xerri. Wara t-Tieni Gwerra Dinjija dan il-kumpless inqasam fi djar differenti u parti minnu għada abitat minn eredi tal-familja Vella sa llum.

Mons. Ġużeppi Xerri kien ukoll benefattur ta' din il-knisja u għamel diversi xogħlijiet fiha. Fost l-għotjiet tiegħu nsibu statwa tal-injam li tirrappreżenta lill-Madonna tad-Duluri, li tagħha tant nies huma devoti bħalma jidher fil-purċissjoni li ssir fir-raħal tagħna ġimgħa qabel il-Ġimgħa l-Kbira. Din l-istatwa inħadmet f'Bolzano, l-Italja fl-1958. Mons. Xerri kien ilaqqa' tfal mir-raħal f'din il-knisja u jgħallimhom il-katekiżmu u kien ukoll devot ħafna tal-Bambin ta' Praga li tiegħu ħalla statwa żgħira. Huwa miet fl-1963 u fis-sagristija tal-istess knisja nsibu ritratt tiegħu.

Il-kwadru titulari ta' Maria Assunta kien mpitter minn Michele Busuttil u qablu kien hemm ieħor mpitter minn Zacaria Micallef fis-17 'il seklu [2]. Dan tal-aħħar issa jinsab fil-Knisja l-Qadima tas-Salvatur. Insibu wkoll pittura ta' Sant'Antnin ta' Padova flimkien ma' ħwejjeġ oħra. Fis-sagristija mbagħad hemm żewġ pitturi mdaqqsa li jirrappreżentaw lil San Mark u San Luqa evanġelisti.[6]

Kif diġà għedna fis-seklu l-ieħor l-knisja kienet tinfetaħ u tintuża għall-festi u devozzjonijiet partikolari, u kienu jiltaqgħu fiha anke diversi għaqdiet, iżda fl-1999, Dun Nazzaren Caruana, il-kappillan ta' dak iż-żmien, kien irranġaha u beda jużaha għall-Esposizzjoni Ewkarisitka mit-Tnejn sal-Ġimgħa mit-8am sat-8pm. Din għadha hekk sa llum u



kull l-aħħar Tlieta tax-xahar ssir ukoll quddiesa fis-7.30pm.

Peress li f'din il-knisja kif għedna hemm Ġesù Kristu Salvatur fil-Persuna u d-Divinità kollha Tiegħu fl-Ewkaristija, fl-aħħar tal-2009 flimkien mal-Kappillan, Fr. David Gauci, u mal-Perit Jean Frendo, tkellimna fuq l-intenzjoni li tiġi rrestawrata u b'hekk noffru l-Mulej post aktar xieraq. Din il-Knisja tinsab naqra mkabra u jekk tifliha naqra sewwa tara li minn barra hemm xi ġebel maqsum u mmermer speċjalment mal-bejt u l-koppla, u minn ġewwa l-aktar minn naħa t'isfel il-ħajt kollu qed jinqala'. Meta tara knejjes oħra fejn hemm is-Sagrament espost f'irħula Maltin oħra, uħud anke ġirien tagħna, tara kemm jinżammu b'mod xieraq u dehen għas-Sinjur Alla li jinsab fihom u jiġik f'moħħok li anke aħna nistgħu noffrulU aħjar lil Dak li ħalaq kollox.

Għalhekk tkellimna ma' entitajiet governattivi, eżattament mad-Direttorat tar-Restawr fi ħdan il-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali, fuq il-possibilta li tiġi rrestawrata din il-Knisja u beda l-proċess. Ġew xi periti jaraw il-ħsara u x-xogħol li hemm bżonn u kellhom bżonn jagħmlu pjanta mill-ġdid tal-Knisja u anke tal-ħsara u tax-xogħol ta' restawr li din teħtieġ. Dan jissejjaħ 'Method Statement' u f'Lulju 2010 kien lest. Permezz ta' dan stajna nagħmlu applikazzjoni lill-Mepa sabiex jingħata l-permess għal dawn x-xogħolijiet u anke l-permessi meħtieġa mill-Kurja. Sakemm konna qed nistennew il-permess saru xi xogħolijiet urġenti, speċjalment fuq il-bejt minn fejn kien jidħol l-ilma minħabba l-ħafna ħaxix ħażin li beda jikber u jagħmel l-ħsara għax kkawża xi toqob u xquq, u għalhekk dan ġie mnaddaf u kkurat sewwa. Il-permess inħareġ lejn l-aħħar tas-sena 2011 u ftit wara setgħu jibdew x-xogħolijiet minn barra.

Għalhekk fi Frar tas-sena 2012 beda l-armar ta 'scaffolding' minn barra u ftit wara x-xogħol ta' restawr. Tbiddel is-salib tal-concrete li kien hemm fuq il-lanterna għax dan kien kollu

*"Peress li f'din il-knisja kif għedna hemm Ġesù Kristu Salvatur fil-Persuna u d-Divinità kollha Tiegħu fl-Ewkaristija, fl-aħħar tal-2009 flimkien mal-Kappillan, Fr. David Gauci, u mal-Perit Jean Frendo, tkellimna fuq l-intenzjoni li tiġi rrestawrata"*

"Jekk għandek aktar informazzjoni storika u tagħrif fuq din il-Knisja napprezzaw ħafna jekk għaddihulna"




maqsum, flimkien ma' numru ta ġebel li ttiekel. Is-sitt twieqi tal-lanterna kienu tal-aluminium iżda l-Mepa ħeġġitna li nbiddluhom u nagħmluhom tal-injam. B'hekk, pass pass ix-xogħol minn barra mexa 'l quddiem. Dan mingħajr ma kellha tingħalaq għal kollox il-knisja u għalhekk baqgħet disponibbli għalik għall-adorazzjoni Ewkaristika.

La jitlesta x-xogħol minn barra mbagħad irid isir dak ta' ġewwa fejn bħalma forsi nnutajt il-ħajt qed jaqa' kollu speċjalment fil-parti t'isfel u l-bibien u t-twieqi għandhom bżonn dawra tajba flimkien ma' xogħolijiet oħra anke fis-sagristija.

Bħalma għedna grazzi lill-Perit Frendo, ħafna mix-xogħol qed isir mid-Direttorat tar-Restawr iżda hemm numru ta, spejjeż li jridu jsiru mill-privat u dawn mhumiex ftit. Bħalma taf bħalissa wkoll qed isir ir-restawr tal-Parroċċa tas-Salvatur u naturalment forsi tistaqsi 'mela kollox f'daqqa?'. Għandek raġun, iżda dawn l'affarijiet ma jaqbilx tħallihom jitgħarrqu aktar għax l-ispejjeż dejjem jiżdiedu, speċjalment fuq bini antik. Nittamaw li x-xogħol jibqa' miexi b'pass tajjeb 'l quddiem u fl-aħħar bħala poplu Lijan bil-Grazzja tas-Sinjur Alla nkunu nistgħu noffru 'Uffiċċju' aktar xieraq lil Ġesu Salvatur fir-raħal tagħna.

Jekk għandek aktar informazzjoni storika u tagħrif fuq din il-Knisja napprezzaw ħafna jekk tgħaddihulna, u jekk tista' tgħin finanzjarjament napprezzaw ħafna.



Nixtieq nagħlaq billi f'isem il-poplu ta' Ħal Lija nirringrazzja lil dawk kollha li qed jaħdmu u jgħinu f'dan il-proġett.

*Referenzi:*

*1. Achille Ferris, Descrizione e Storia delle Chiese di Malta e Gozo 1878 pg.449*

*2. Salvu Mifsud, Tifchira tal Festi Solenni f'Ħal Lija Il Għoxrin Centinarju tat-Trasfigurazzjoni Gloriusa ta Sidna Ġesu Kristu Salvatur tad -Dinja 1932 pg.35*

*3. Anton Ebejer, Ħal Lija Il Villa Maltijja 1976 pgs.15, 28.*

*4. Anton Azzopardi SJ, Jesuit Schools in Malta (2) pg.16*

*5. Referenzi mill-Kurja ta' Malta Ref..AAM vp 1665-1666, 132v; va 1575c, 50v-51r; vp 1588-1602, 353v; vp 1635-37b, 169r-v; vp 1644-1646, 204v; vp 1653-1654, 155v; vp 1656-1659, 155v; vp 1758-60 I, 568v-569r.*

*6. Dun Lawrenz Lia, Villa Lija, Marzu 1966.*

# *Nifirħu lil ...*

*Mons Mose Borg 40 sena qassis*

*u lil*

*Mons Alfred Xuereb 50 sena qassis.*

*AD MULTUS ANNOS*

*u lil Għaqda tan-Nar SAN Mikiel*

*tar-rebħ tal-Malta International Fireworks Festival*